# Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
17 JUN 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Dario Vella u Carmel Debono fil-kwalita' tagħhom
rispettivament ta' Sindku u Segretarju Eżekuttiv u
għan-nom
tal-**Kunsill Lokali tal-Mellieħa**
sussegwentment għall-approvazzjoni
tal-applikazzjoni PC 0025/20 mill-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar

vs

l-**Awtorità tal-Ippjanar**

## Appell tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa

Għan-nom ta' Dario Vella (K.I. 237990M) u Carmel Debono (K.I. 301961M) fil-kwalità tagħhom rispettivament ta' Sindku u Segretarju Eżekuttiv f'isem u in rappresentanza tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa qed nissottometti dan l-appell mill-approvazzjoni tal-applikazzjoni **PC 0025/20 : to delete schemed road : Dawret it-Tunnara/Triq il-Qarnit Mellieħa** liema applikazzjoni kienet approvata mill-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar nhar l-20 t'April 2021[1] u ippubblikata fil-gazzetta tal-Gvern nhar id-19 ta' Mejju 2021.[2]

Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa qiegħed jitlob lit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar biex id-deċiżjoni li l-applikazzjoni li t-triq bejn Dawret it-Tunnara u Triq il-Qarnit tkun eliminata titħassar għar-raġunijiet segwenti:

1) l-ippjanar tat-toroq fil-lokalità għandhom ikunu ikkunsidrati b'mod olistiku, u mhux waħda waħda;
2) il-mument opportun għall-konsiderazzjoni ta' tibdila tax-xorta proposta mill-applikazzjoni PC 0025/20 hu meta tkun qed tiġi ikkunsidrata ż-żona kollha, u dan billi

[1] Ara minuti 8882 sa 8892 tal-laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar tal-20 t'April 2021, liema minuti huma aċċessibli fuq is-sit elettroniku tal-istess Awtorità

[2] Ara document 96a fil-file elettroniku tal-applikazzjoni taħt konsiderazzjoni, datat 17 ta' Mejju 2021

tibdila ta' din ix-xorta għandha effetti mhux żgħar fuq il-bqija tal-inħawi, kif anke hu indikat iktar l-isfel;

3) fil-fatt meta wieħed jara s-sottomissjonijiet li irċeviet l-Awtorità tal-Ippjanar meta l-Pjan Lokali[3] kollu kien taħt konsiderazzjoni, ma jsib l-ebda ilment dwar din it-triq li l-applikazzjoni PC 0025/20 trid telimina, u dan minħabba li dakinnhar kienet aċċettabbli għall-komunità kollha, aċċettazzjoni li m'għandiex tkun skartata imma li għandha tingħata piż;
4) it-triq, avolja għad mhiex miftuħa, hi essenzjali fl-interess ta' aċċess għall-komunità kollha; dan id-dritt għal aċċess għandu jkun prijorità fuq l-interessi individwali, għax pjan lokali, qabel kollox hu intiż biex iħares l-interess tal-komunità kollha; dan fil-fatt kien il-motiv tal-oġġezzjoni reġistrat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa[4] fis-sottomissjoni tiegħu tal-15 ta' Lulju 2020;
5) kif anke jidher mis-sottomissjonijiet ta' terzi[5] fejn hu ppjanat li issir it-triq, għal żmien konsiderevoli kien hemm passaġġ użat mir-residenti u dan baqa' jkun użat sa ftit snin ilu sakemm ingħalaq;
6) kif ġie emfasizzat minn diversi membri tal-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar il-proposta fl-applikazzjoni PC 0025/20 toħloq diffikultajiet kbar fl-immaniġjar tat-traffiku, u dan apparti li telimina l-potenzjal ta' spazji pubbliċi għall-parkeġġ;
7) it-triq li l-applikazzjoni PC 0025/20 trid tneħħi hi essenzjali biex tnaqqas il-pressjoni tat-traffiku fuq Dawret it-Tunnara li fit-tarf tagħha hemm ostaklu għat-traffiku konsistenti fi struttura militari li hi protetta, u dan minbarra li Dawret it-Tunnara hi taħt l-impatt kontinwu tal-qawwa tal-elementi fil-forma tas-saħħa tal-mewġ; dawn huma ukoll raġunijiet li jispjegaw għaliex deċiżjoni dwar din it-triq ma tistax tiffoka b'mod esklussiv fuq l-interessi tal-applikant imma trid tagħti kaz tal-interessi tal-komunità kollha; f'dan il-kuntest jista' jkollu relevanza l-permess ta' żvilupp PA 9389/19 (*Proposed demolition of existing retaining wall and the construction of a seawall to mitigate the wave impact on the road. Dawret it-Tunnara Mellieħa*);
8) Din l-applikazzjoni kienet diġa ġiet rifjutata[6] fil-passat u kif anke stqarru diversi membri tal-Kunsill Eżekuttiv[7] tal-Awtorità tal-Ippjanar, ma kien hemm l-ebda informazzjoni ġdida li tista' tiġġustifika bdil tad-deċiżjoni. Dakinnhar, meta l-applikazzjoni saret l-ewwel darba, minkejja rakkomandazzjoni favorevoli da parti tad-Direttorat, il-Kunsill Eżekuttiv kien irrifjuta l-applikazzjoni u kienet ingħatat raġuni ċara daqs il-kristall bħala l-motiv għar-rifjut. Raġuni li kienet tgħid hekk: *the proposal will have an adverse impact on the*

[3] North West Local Plan
[4] Ara dokument 24a minn Carmel Debono, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fil-file elettroniku tal-applikazzjoni.
[5] Ara, per eżempju document 28a fil-file elettroniku tal-applikazzjoni
[6] Ara applikazzjoni PC 0026/14
[7] Ara minuti 8882 sa 8892 tal-laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar tal-20 t'April 2021, liema minuti huma aċċessibli fuq is-sit elettroniku tal-istess Awtorità

*vehicular road network in the area.*[8] Appell dwar ir-rifjut ta' din l-applikazzjoni (PC 0026/14) quddiem dan l-istess Tribunal ma kellux suċċess.[9]

Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fi ħsiebu jissottometti xhieda tas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u ta' numru ta' residenti biex isostni l-posizzjoni tiegħu, inkluż persuni li diġa oġġezzjonaw għal din l-applikazzjoni. Qed jitlob ukoll li jkunu esebit il-files PC 0026/14 u PA 9389/19 in vista tar-relevanza tagħhom għall-każ in eżami.

Għaldaqstant hu sottomess li d-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv ta' nhar l-20 t'April 2021 li biha laqa' l-applikazzjoni PC 0025/20 biex tkun eliminata triq ġja parti mill-pjan lokali għandha tkun imħassra.

**Carmel Cacopardo.**
**PERIT**

**17 ta' Ġunju 2021**

Kunsill Lokali Mellieħa : 126 Triq il-Mitħna l-Ġdida Mellieħa: mellieha.lc@gov.mt
Perit : 51 Triq Isouard Marsa : cacopardocarm@gmail.com

[8] Ara deċiżjoni fid-dokument 115a fil-file elettroniku tal-applikazzjoni PC 0026/14

[9] Ara deċiżjoni tat-Tribunal datata 20 ta' Lulju 2020: Appell 483/18JB